StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI**
**TAL–*JUNIOR LYCEUM* u TA' L–ISKOLA SEKONDARJA 2009**
Direttorat għal Kwalita' u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IL–ĦAMES SENA** **STORJA (Ġenerali)** **ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ___________

A: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha bil-għajnuna tar-ritratti A, B, Ċ u D.




A – It-Tempji ta' Ħal Tarxien




B – It-Tempji ta' Ħaġar Qim




Ċ – L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni




D – It-Tempji Ta' Ħaġrat

1. Semmi differenza importanti li teżisti bejn ritratt Ċ u t-tliet ritratti l-oħra.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Il-fdalijiet kollha li jidhru fl-erba' ritratti jappartjenu għal perijodu partikolari fil-Preistorja Maltija. Kif inhu magħruf dan il-perijodu?
_______________________________________________ (1)

3. Għaliex taħseb li fin-Neolitiku kien iktar faċli għall-bniedem biex jagħmel progress miż-żminijiet ta' qabel in-Neolitiku?
_______________________________________________
_______________________________________________ (2)

4. Maġenb liema raħal Malti jinsabu t-Tempji Ta' Ħaġrat? ____________________ (1)

5. Semmi tempju megalitiku li jinsab ftit bogħod minn Ta' Ħaġrat. ______________ (1)

6. Ħares lejn ritratt A. Semmi żewġ fdalijiet importanti li sibna f'dawn it-tempji u llum qegħdin fil-Mużew tal-Arkeoloġija fil-Belt.
_______________________________________________ (2)

7. Kif intuża t-tempju ta' ritratt A fi Żmien il-Bronż? ______________________ (1)

8. Ikteb **VERU** jew **FALZ** għal kull waħda minn dawn li ġejjin dwar **ritratt B** (Ħaġar Qim):
   (i) Inbena qabel it-twelid ta' Kristu. __________
   (ii) Għamel mijiet ta' snin midfun taħt it-trab qabel ġie skavat. __________
   (iii) Bil-permess ta' xi Kunsill Lokali nistgħu nilagħbu xi logħba fih. __________
   (iv) Hawnhekk sibna l-ikbar numru ta' statwi tal-Mara l-Ħoxna. __________
   (v) Bħalissa (2009) qed isir *Heritage Park* maġenbu. __________
   (vi) Ħaġar Qim jgħin lill-ekonomija Maltija għax jiġbed it-turisti. __________
   (vii) Xi kmamar tiegħu fil-passat kienu msaqqfin. __________
   (viii) Inbena fi żmien il-Ħakma Rumana fuq Malta. __________
   (ix) Is-sit huwa amministrat mill-aġenzija tal-gvern *Heritage Malta*. __________
   (x) Hemm il-ħsieb li jitgħatta b'tinda kbira biex nipproteġuh mill-elementi. __________

(1 x 10 = 10 marki)

9. **Aqra**: Fir-ritratt jidher wieħed mir-restawraturi impjegat ma' *Heritage Malta* għaddej bir-restawr ta' Ħaġar Qim. Huwa jidher qiegħed jimla l-ħofor fil-ġebel megalitiku li saru bl-elementi. It-taħlita li qiegħed jimla biha tissejjaħ *sacrificial filling*. L-elementi issa jmermru l-*filling* u jżommu l-ġebel fl-istat li huma llum. Qabel beda x-xogħol, ir-restawratur ħa ritratti dettaljati tal-ġebel megalitiku biex minn hawn u ħames snin oħra jkun jista' jara jekk il-ħsara bl-erożjoni komplietx jew waqfitx.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

(a) Semmi żewġ elementi li qed jagħmlu l-ħsara fit-tempji megalitiċi:

__________________________________________________

__________________________________________________ (2)

(b) Minbarra l-metodu msemmi f'numru 6 hawn fuq, semmi żewġ ideat oħra x'nistgħu nagħmlu biex nikkumbattu u nwaqqfu l-erożjoni tat-tempji megalitiċi.

____________________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2)

(c) Agħti żewġ raġunijiet għaliex ir-restawr u l-konservazzjoni tat-tempji megalitiċi huma xogħlijiet importanti ħafna għal pajjiżna.

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2)

10. It-tempji megalitiċi Maltin ġew iddikjarati bħala **WIRT DINJI** jew *World Heritage Sites* mill-Għaqda fi ħdan il-Ġnus Magħquda magħrufa bħala l-UNESCO. Barra dawn it-tempji megalitiċi, iddaħħlu żewġ siti oħra fl-istess lista tal-UNESCO. Semmi dawn ż-żewġ siti:

(a)_______________________________________________________

(b)_______________________________________________________ (2)

11. Kieku kellek tissuġġerixxi sit ieħor biex isir *World Heritage Site*, liema sit ieħor fil-Gżejjer Maltin tissuġġerixxi? Agħti raġuni waħda għall-għażla tiegħek:

________________________________________________________________________

__________________________________________________________________ (2)

**(Total Eż. A: 30 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

B: Wieġeb bil-għajnuna tal-istampi.





1. Fir-ritratt tax-xellug jidher wieħed minn sensiela ta' tempji li nbnew fi Sqallija fi żmien iċ-Ċiviltà Griega. Ħdejn liema belt fi Sqallija jinsab dan it-tempju?
   ______________________________ (1)
2. Fir-ritratt tal-lemin jidhru t-tliet stili arkitettoniċi li kienu jħobbu jużaw il-Griegi. Semmi t-tliet stili: ______________________________ (3)
3. Xi stil arkitettoniku għandhom il-kolonni tat-tempju Grieg ta' Sqallija li jidher fl-istampa tax-xellug? ______________________________ (1)
4. X'insejħulha l-**għolja** qrib Ateni fejn insibu fdalijiet importanti tal-Greċja tal-Qedem?
   ______________________________ (1)
5. Liema hu l-maqdes prominenti li nsibu fuq din l-istess għolja?
   ______________________________ (1)
6. (a) Min iħobb iżur siti bħal dawn waqt il-vaganzi? ______________________________ (1)
   (b) Għaliex dawn in-nies iħobbu jżuru siti bħal dawn?
   ______________________________ (1)
7. Xi ħsarat qed jiġrilhom siti bħal dawn li għadna kemm semmejna?
   ______________________________ (1)
8. Liema huwa l-eqdem fiż-żmien, it-tempju Grieg tar-ritratt tax-xellug jew dak tal-Ġgantija t'Għawdex? ______________________________(1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

9. Il-ġenituri tiegħek qegħdin jippjanaw li jmorru *cruise* fil-Mediterran. Waqt il-*cruise* se j Spanja, it-Tuneżija, il-Libja u l-Eġittu. Issuġġerilhom siti storiċi li jistgħu jżuru u għid x'tip ta' fdalijiet jistgħu jaraw hemm. Imxi fuq l-eżempju mogħti:

| | **PAJJIŻ / BELT** | **FDAL LI JISTGĦU JŻURU** |
|---|---|---|
| Eż | Spanja | Jistgħu jżuru fdalijiet tal-Għarab ġewwa Alhambra qrib il-belt ta' Granada |
| a | It-Tuneżija | |
| b | Il-Libja | |
| ċ | L-Eġittu | |
| d | Ruma | |

(4)

**(Total Eż B: 15-il marka)**

## Ċ: IL-KAMPANJA MALTIJA – Aqra, imbagħad wieġeb.



*Fl-istampa jidher razzett tipiku li għadna nistgħu naraw fil-kampanja Maltija. Aqra dan il-paragrafu dwar l-irziezet Maltin. Għandek issib* xi *żbalji*.

**Ir-razzett**: L-irziezet għadhom sal-lum karatteristika importanti tal-paesaġġ Malti. Ġeneralment issibhom fil-qalba ta' xi belt. Biex jinbnuhom missirijietna kienu jużaw il-ġebla taż-żonqor. Is-soqfa tagħhom normalment kienu jkunu tal-konkrit. Fis-sulari t'isfel kienu jinħadmu qomos għall-esportazzjoni. Razzett tipiku ma kienx ikollu bitħa u l-art tal-kmamar kienet tinkesa bl-irħam.

1. Irranġa l-iżbalji li sibt bil-mod indikat fl-eżempju:

| | **Fatt żbaljat** | **Korrezzjoni** |
|---|---|---|
| **Eż** | l-art tar-razzett tinkesa bl-irħam | **L-art tar-razzett kienet tinkesa biċ-ċangaturi** |
| **a** | | |
| **b** | | |
| **ċ** | | |
| **d** | | |
| **e** | | |

(10 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Agħti tagħrif ħafif dwar **żewġ fdalijiet reliġjużi** li nsibu fil-kampanja Maltija.
**fdal reliġjuż A**:

______________________________________________

______________________________________________ (2)

**fdal reliġjuż B**:

______________________________________________

______________________________________________ (2)

3. Ikteb sentenza dwar **żewġ fdalijiet mhux reliġjużi** li nsibu fil-kampanja Maltija.
**fdal mhux reliġjuż A**:

______________________________________________

______________________________________________ (2)

**fdal mhux reliġjuż B**:

______________________________________________

______________________________________________ (2)

4. Semmi żewġ kawżi li qed jikkaġunaw ħsara lill-fdalijiet fil-kampanja Maltija.

(a)______________________________________________(1)

(b)______________________________________________(1)

**(Total Eż. Ċ: 20 marka)**

D: Wieġeb dwar **il-qagħda strateġika tal-Gżejjer Maltin**:

*Fl-Istorja ta' Malta nsibu bosta ġnus barranin li f'xi żmien jew ieħor ħakmu fuq il-Gżejjer Maltin.*

1. Semmi **żewġ** qawwiet barranin li fil-passat ħakmu fuq il-Gżejjer Maltin:

______________________________________________(2)

2. Semmi **żewġ** qawwiet barranin li ppruvaw jaħkmu fuq Malta imma ma rnexxielhomx.

______________________________________________(2)

3. X'taħseb li ħajjar lil dawn il-qawwiet biex jieħdu l-kontroll tal-Gżejjer Maltin? (*Semmi imqar żewġ fatturi*)

______________________________________________

______________________________________________(2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Spjega kif il-ftuħ tal-Kanal ta’ Swejs fl-1867 sewa ta’ ġid kbir għall-ekonomija Maltija.

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________ (2)




Fl-istampa jidher il-**FREEPORT** ta’ Malta. Wieġeb il-mistoqsijiet.

5. F’liema nħawi ta’ Malta jinsab il-Freeport? ____________________________________ (1)

6. Spjega kif l-idea ta’ kif isir il-kummerċ fil-**Freeport** illum tixbaħ lill-mod kif il-ħakkiema barranin kienu jagħmlu użu mill-Gżejjer Maltin fil-passat.

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________ (2)

A



B



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**AQRA:** **Ritratt A** jurina *barracks* tas-suldati Ingliżi fil-Verdala ġewwa l-Kottonera. Għandna ħafna *barracks* imxerrdin ma' Malta kollha. Il-*barracks* inbnew meta kellna tip ta' ekonomija magħrufa bħala EKONOMIJA TA' FORTIZZA.

**Ritratt B** jurina lukanda ewlenija f'Malta. It-turisti llum ħadu post is-suldati barranin biex illum għandna dik li tissejjaħ EKONOMIJA BBAŻATA FUQ IS-SERVIZZI.

7 Semmi okkażjoni fl-aħħar mitejn sena meta żdied ix-xogħol f'Malta minħabba l-**ekonomija ta' fortizza** li kellna qabel l-Indipendenza.

____________________________________________________________ (1)

8 Semmi fattur li jista' jisfratta x-xogħol tal-ħaddiema Maltin illum il-ġurnata.

____________________________________________________________ (1)

9 X'inhi d-differenza prinċipali bejn **EKONOMIJA TA' FORTIZZA** u **EKONOMIJA BBAŻATA FUQ IS-SERVIZZI**?

______________________________________________________________

____________________________________________________________ (2)

**(Total Eż. D: 15-il marka)**

## E: KOMPONIMENTI – agħżel **wieħed** u ikteb fit-tul fuq karta separata.

1. Bħal kull poplu ieħor, aħna l-Maltin għandna l-IDENTITÀ tagħna. X'inhu dak li jagħmilna Maltin?

2. Ikteb dwar xi inizjattivi ta' konservazzjoni li għaddejjin bħalissa dwar it-tempji megalitiċi Maltin.

3. Ikteb dwar sit importanti li żort f'Malta jew f'xi pajjiż ta' madwar il-Baħar Mediterran; għid x'rajt u għaliex taħseb li dan is-sit huwa importanti.

**(Eż. E. 20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers